**TARXIEN**
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 7/2027**

Data: Il-Ħamis, 19 ta' Diċembru 2024

Ħin: 18:30

Bdiet: 18:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 76 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Skużat |
| Is-Sa. Annabelle Marmara | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**7.1 Ittri ta' apoloġija**

7.1.1 Is-Sindku semma li s-Sa. Darlene Vella talbet li tkun skużata. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Portelli tniżlet bħala skużata.

**7.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 6**

7.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 6 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Neil Portelli, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**7.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 6**

7.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Nicole Farrugia u s-Sur Neil Portelli ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Novembru 2024 u d-19 ta' Diċembru 2024 li kienet tammonta għal €84,855.84.

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

### 7.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 6

| | |
|---|---|
| **7.4.1 Charging Pillars** | Is-Sindku semma li l-Kunsill għamel dak kollu li kien rikjest li jagħmel, semma li s-siti huma kollha identifikati u għaldaqstant issa jistenna lill-Aġenzija responsabbli sabiex iġġib il-permessi neċessarji mill-entitajiet rispettivi kif ukoll finalment jibdew jinstallaw charging stations fil-lokal. |
| **7.4.2 Proposta sabiex jibda jopera l-grawnd 7 a side** | Is-Sindku semma li s-sejħa għall-impjegat fi skala 17 għall-Ground Supervisor waslet fl-aħħar lista ta' reġistranti tal-Jobsplus u ser ikunu qed isiru l-intervisti f' Jannar. |
| **7.4.3 Toddlers area Gnien Joanne** | Is-Sindku semma li l-bandli l-ġodda kollha ġew ordnati. Semma li x-xogħol ser ikun iffinalizzat fl-ewwel kwart tas-sena 2025. |
| **7.4.4 Pjazza Tarxien** | Is-Sindku semma li kif infurmat minn Infrastruttra Malta s-sejħa għall-offerti għax-xogħol tal-pjazza hija miftuħa u din ser tagħlaq nhar 20 ta' Jannar 2025. Semma li l-contracting authority ta' din is-sejħa mhijiex il-Kunsill imma Infrastruttura Malta.<br>Semma li huwa jikkonferma li l-Enemalta ser tkun qed tirranġa s-sqaq bil-pavimentar wara li jitlesta x-xogħol min-naħa tagħhom.<br>Semma li l-għamara tal-pjazza kollha ġejja bil-logo tal-Kunsill fuqha.<br>Semma li telephone box ser tmur għar-restawr u kif kien deċiż f' laqgħat preċidenti din ser isservi bħal information booth anki b' filmat tal-Knisja minn ġewwa li kien iffinanzjat mir-Reġjun. |

**7.4.5 Van tal-Kunsill għar-residenti**

Is-Sindku semma li ser ikun qed jingħata servizz nhar ta Tnejn u nhar ta' Ġimgħa fit-15:00 sabiex jieħu l-anzjani li għandhom 'il fuq minn 70 sena jagħmlu l-Karta tal-Identita'. Semma li kif jgħaqdu l-ewwel van ikunu jistgħu jibdew jagħtu s-servizz.

**7.4.6 Notice Boards**

Is-Sindku semma li l-Perit kienet qed tiprepara d-DNOs għal dawn in-notice boards.

**7.4.7 Festa Ħelu**

Is-Sindku irringrazzja lil kull min ta sehmu speċjalment lill-Kunsilliera Nicole Farrugia li assistiet b' kull mod possibbli sabiex l-organizzazzjoni kienet waħda ta' suċċess. Is-Sindku wera wkoll id-dispjaċir tiegħu li minħabba l-maltemp l-attivita' kellha tieqaf ħesrem matul il-jum tal-Ħadd. Biss pero semma li s-Sibt l-attivita' kienet waħda ta' suċċess.
Semma li għal din l-attivita' kien hemm il-fond ta' madwar EUR18,000 mill-Fondi għall-inizjattivi Kulturali u Natalizi maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-fond ta' EUR12,500 maħruġ mir-Reġjun Port kif ukoll spejjeż relatati ma' infurzar waqt l-attivita' kienu ser jiġu rimborzati mill-iskema tar-Reġjun ta' fondi mgħoddija mill-Aġenzija LESA għall-infurzar waqt l-attivitajiet.

**7.4.8 Rivista tal-Kunsill**

Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li din kienet u suċċess u tqasmet fid-djar. Kien propost li jiżdiedu l-paġni u jinġabru r-riklami. Is-Sindku semma li hu jista' jgħin biex jinġabru r-riklami. Dan ikun qed jgħin sabiex jiżdied il-kontenut anki fuq talba tar-residenti.

Is-Sindku semma li r-restawr kien tlesta u kif imwiegħed kien hemm ukoll l-Open Day.

**7.4.9 Kappella San Ġużepp**

Semma li issa jmiss li permezz ta' fondi miksuba mill-Aġenzija LESA, isiru l-bankini kollha ta' din iż-żona.

**7.4.10 Xogħolijiet tal-Enemalta**

Is-Sindku semma li għaddejjin diversi xogħlijiet mill-Enemalta fejn dawn qed jgħaddu diversi cables minn taħt l-art. Semma li fejn hemm il-gandotti dawn għalissa qed jitpoġġew il-pjanċi fuqhom sakemm jitlesta x-xogħol.

**7.4.11 First Aid Course**

Is-Sindku semma li l-kors ser issir f' Jannar u li għalih applikaw 18-il persuna. Semma li l-applikazzjonijiet ingħalqu peress li l-ammont rikjest kien intleħaq.

Is-Sindku semma li s-sessjonijiet ta' Anzjanita' Attiva ser jibdew isiru ġewwa Dar Nazaret bejn 9:30am u 12:00 kull nhar ta' Ġimgħa.

**7.4.12 Anzjanita' Attiva**

Is-Sindku semma li għaddejjin il-komunikazzjoni kemm mal-Arċipriet kif ukoll ma' rappreżenatnti tal-Anzjanita' Attiva' sabiex jiġi stabbilit qbil bejn il-Paroċċa u l-Kunsill sabiex tintuża s-sala ta' Dar Nazaret sabiex isiru s-sessjonijiet.

Is-Sindku preżenta MoU bejn il-Kunsill u l-Anzjanita' Attiva sabiex ikun iffirmat minnu u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil li l-MoU jkun iffirmat.

Semma wkoll li jrid jinxtara monitor/televiżjoni għall-preżentazzjonijiet.

Is-Segreatrja semmiet li hija anki ser tinforma lill-kumpanija tal-assigurazzjoni fuq dawn is-sessjonijiet.

| | |
|---|---|
| **7.4.13 Dekorazzjonijet tal-Milied** | Is-Sindku semma li jinstab ferm sodisfatt bit-tiżjin ta' barra. Semma li b' dispjaċir minħabba l-maltemp kellha tiżarma s-siġra tal-Milied tar-roundabout quddiem id-dar tal-anzjani. Is-Sindku semma li kienet deċiżjoni għaqlija sabiex jiġu evitati kull inċident. |
| **7.4.14 Traffic Management Plan** | Is-Sur Neil Portelli semma li qed jiltaqa' mal-Perit. Semma wkoll li ser issir laqgħa ta' informazzjoni mar-residenti fi Triq San Anard lejn Jannar. |
| **7.4.15 Proposta tal-Karnival taħt l-iskema SPI** | Is-Sindku semma li l-proposta kienet ġiet sotomessa u li anki l-komunikazzjoni mal-iskola kienet saret u l-iskola kkonfermat l-parteċipazzjoni tagħha. |
| **7.4.16 Lezzjonijiet taz-Zumba** | Is-Sindku semma li kif kien deċiż f' laqgħat preċidenti ser jibdew il-lezzjonijiet taz-Zumba mill-ewwel kwart tas-sena 2025. Semma li kemm is-Sa. Darlene Vella kif ukoll is-Sa. Nicole Farrugia offrew li jagħtu sehmhom fl-organizazzjoni ta' dawn is-sessjonijiet. |

**7.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.5.1 Is-Sindku semma li kienet saret ukoll l-attivita' ta' Rigal b' Imħabba. Semma li l-Kunsill kien pjanaha f' qasir żmien u għaldaqstant ma setax jirriklama l-attivita' daqs kemm kien mixtieq.

**7.6 Preżentazzjoni u approvazzjoni Performance Appraisal ħaddiema**

7.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-performance appraisals tal-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. Filwaqt li rrimarkat diversi punti elenkati fir-rapporti preżentati individwalment lill-ħaddiema, hija flimkien mas-Sindku u l-Kunsilliera irringrazzjaw lill-ħaddiema tal-impenn tagħhom.

7.6.2 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Neil Portelli, b' mod unanimu l-Kunsilliera irringrazzjaw lill-ħaddiema kollha anki dawn mhux klerikali u ħaddiema ta' CIES u kien hemm qbil li ħaddiem li huma intitolati għall-performance bonus għandhom jingħataw l-massimu tal-

performace bonus. Dan bħala turija t' apprezzament tal-ħidma bla waqqfien u tal-eżempju li dawn jagħtu lill-ħaddiema l-oħra fis-settur.

7.6.3 Is-Sindku informa li bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha kien approvat il-massimu ta' 15% performance bonus għas-sena 2024 gaħd-Deputat Segreatrju Eżekuttiv.

**7.7 Aġġornament**

7.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Diċembru 2025 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **Joseph Abela Galea** | **Lianne Cassar** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |